Stampa u Informazzjoni

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 69/18**

il-Lussemburgu, 29 ta' Mejju 2018

Sentenza fil-Kawża C-426/16
Liga van Moskeeën en Islamitische Organisaties Provincie Antwerpen VZW *et* vs Vlaams Gewest

# Il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonferma li l-qtil bil-forma ritwali mingħajr sturdament jista' jseħħ biss f'biċċerija approvata

*Dan l-obbligu ma jiksirx il-libertà tar-reliġjon peress li dan huwa intiż biss għall-organizzazzjoni u ġestjoni tal-eżerċizzju liberu tal-qatla bil-forma ritwali, b'teħid inkunsiderazzjoni tar-regoli essenzjali li jikkonċernaw il-protezzjoni tal-benesseri tal-annimali u tas-saħħa tal-konsumaturi ta' laħam tal-annimali*

Il-festa Musulmana tas-sagrifiċċju tiġi ċċelebrata kull sena matul tlett ijiem. Numru kbir ta' Musulmani prattikanti jikkunsidraw li huwa dmir reliġjuż tagħhom li joqtlu jew jorganizzaw il-qatla, preferibbilment fl-ewwel jum ta' din il-festa, annimal li l-laħam tiegħu mbagħad jittiekel fil-familja u jinqasam ma' dawk fil-bżonn, il-ġirien u l-membri tal-familja iktar 'il bogħod. Hemm qbil mill-maġġoranza tal-komunità Musulmana tal-Belġju, espress mill-Kunsill tat-teoloġisti fi ħdan l-Eżekuttiv tal-Musulmani, sabiex jiġi kkunsidrat li din il-qatla għandha sseħħ mingħajr sturdament minn qabel tal-annimali u bl-osservanza tar-regoli l-oħra ritwali.

Sa mill-1998, il-leġiżlazzjoni Belġjana kienet tipprevedi li l-qtil preskritt b'rit reliġjuż seta' jsir biss f'biċċeriji approvati jew temporanji. B'hekk, il-Ministru kompetenti kull sena approva postijiet ta' qatla temporanji li, flimkien mal-biċċeriji approvati, ippermettew li jitwettaq il-qtil bil-forma ritwali waqt il-festa Musulmana tas-sagrifiċċju, biex b'hekk isolvi n-nuqqas ta' kapaċità tal-biċċeriji approvati minħabba ż-żieda fid-domanda matul dan il-perijodu.

Fl-2014, il-Ministru tar-Reġjun Fjamming inkarigat mill-benesseri tal-annimali ħabbar li ma kienx ser jibqa' jagħti approvazzjonijiet għal postijiet ta' qatla temporanji, u dan minħabba li tali approvazzjonijiet huma kuntrarji għad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari għad-dispożizzjonijiet ta' regolament tal-2009 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt il-qatla[1]. Sa mill-2015, il-qtil kollu ta' annimali mingħajr sturdament, anki dak li jseħħ fil-kuntest tal-festa Musulmana tas-sagrifiċċju, kellu għaldaqstant jitwettaq biss fil-biċċeriji approvati. Huwa f'dan il-kuntest li diversi assoċjazzjonijiet Musulmani u organizzazzjonijiet ewlenin ta' moskej fetħu kawża kontra r-Reġjun Fjamming fl-2016. B'mod partikolari huma kkontestaw il-validità ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-regolament[2], fid-dawl, b'mod partikolari, tal-libertà tar-reliġjon[3].

Fis-sentenza tal-lum, il-Qorti tal-Ġustizzja qabel xejn tippreċiża li l-qatla bil-forma ritwali taqa' tabilħaqq taħt il-kunċett ta' "rit reliġjuż" fis-sens tar-regolament. Għaldaqstant, huwa jidħol fil-kamp ta' applikazzjoni tal-libertà tar-reliġjon iggarantita mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Diverġenzi teoloġiċi potenzjali fuq dan is-suġġett ma jistgħux, fihom infushom, jinvalidaw din il-klassifikazzjoni bħala "rit reliġjuż".

Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja teżamina jekk ir-regolament jikkostitwixxix jew le limitazzjoni tad-dritt għal-libertà tar-reliġjon. Hija tfakkar li, fl-Unjoni, bħala prinċipju ġenerali, l-annimali għandhom jinqatlu biss wara sturdament. Bħala deroga, il-prattika tal-qatla bil-forma ritwali mingħajr sturdament minn qabel hija awtorizzata, sakemm tali qatla sseħħ f'biċċerija

[1] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1099/2009 tal-24 ta' Settembru 2009 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt il-qatla (ĠU 2009, L 303, p. 1).
[2] L-Artikolu 4(4), moqri flimkien mal-Artikolu 2(k) tar-Regolament Nru 1099/2009.
[3] L-Artikolu 10 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 9 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

approvata mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u li tosserva r-rekwiżiti tekniċi relatati mal-bini, mat-tifsil u mat-tagħmir (dawn ir-rekwiżiti jidhru f'regolament ieħor tal-Unjoni[4]).

Il-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża li din id-deroga bl-ebda mod ma tipprojbixxi l-eżerċizzju tal-prattika tal-qatla bil-forma ritwali fl-Unjoni, iżda hija tikkonkretizza, għall-kuntrarju, l-impenn pożittiv tal-leġiżlatur tal-Unjoni li jippermetti l-prattika tal-qatla ta' annimali mingħajr sturdament minn qabel, sabiex tiġi żgurata l-osservanza effettiva tal-libertà tar-reliġjon, b'mod partikolari tal-prattikanti Musulmani, matul il-festa tas-sagrifiċċju.

Għalhekk, **l-obbligu tal-qatla bil-forma ritwali f'biċċerija approvata huwa intiż biss għall-organizzazzjoni u ġestjoni, minn perspettiva teknika, tal-eżerċizzju liberu tal-qatla mingħajr sturdament minn qabel għal finijiet reliġjużi. Tali ġestjoni teknika ma hijiex, fiha nnifisha, ta' natura li twassal għal limitazzjoni tad-dritt għal-libertà tar-reliġjon tal-Musulmani prattikanti.**

Fil-fatt, il-qatla bil-forma ritwali hija suġġetta għall-osservanza tal-istess kundizzjonijiet tekniċi bħal dawk applikabbli, bħala prinċipju, għal kull qatla ta' annimali fl-Unjoni, indipendentement mill-metodu użat.

**Barra minn hekk, il-leġiżlatur tal-Unjoni kkonċilja l-osservanza tal-metodi partikolari ta' qatla preskritti mir-riti reliġjużi ma' dik tar-regoli essenzjali stabbiliti mir-regolamenti tal-Unjoni f'dak li jikkonċerna l-protezzjoni tal-benesseri tal-annimali waqt il-qatla tagħhom u tas-saħħa tal-konsumaturi kollha ta' laħam tal-annimali.**

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja teżamina l-kunsiderazzjonijiet marbuta mal-fatt li l-biċċeriji approvati li jinsabu fit-territorju tar-Reġjun Fjamming u li jikkonformaw mar-rekwiżiti tar-regolament għandhom insuffiċjenza tal-kapaċità ta' qatla sabiex tiġi ssodisfatta ż-żieda fid-domanda tal-laħam halal osservata waqt il-festa tas-sagrifiċċju.

F'dan ir-rigward il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li l-validità ta' att tal-Unjoni għandha tiġi analizzata abbażi tal-punti ta' fatt u ta' dritt eżistenti fid-data li fiha dan l-att ikun ġie adottat u li din ma tistax tiddependi miċ-ċirkustanzi partikolari ta' każ speċifiku. Fil-fatt, il-problematika enfasizzata mill-qorti Belġjana tikkonċerna biss numru limitat ta' komuni tar-Reġjun Fjamming. Din il-problematika ma tistax għalhekk titqies li hija intrinsikament marbuta mal-applikazzjoni, fl-Unjoni kollha, ta' regola stabbilita. Problema speċifika ta' kapaċita' ta' qatla fit-territorju ta' reġjun ta' Stat Membru, marbuta maż-żieda fit-talba ta' qtil bil-forma ritwali tul ftit ġranet fl-okkażjoni tal-festa tas-sagrifiċċju, hija l-konsegwenza ta' sensiela ta' ċirkustanzi nazzjonali li ma jistgħux jaffettwaw il-validità tar-regolament.

**Il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonkudi li l-eżami tagħha ma rrileva l-ebda element ta' natura li jaffettwa l-validità tar-regolament fid-dawl tal-libertà tar-reliġjon iggarantita mill-Karta.**

---

**TFAKKIRA:** Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti lill-qrati tal-Istati Membri, fil-kuntest ta' tilwima li jkunu aditi biha, li jistaqsu lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma tiddeċidiex it-tilwima nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssolvi l-kawża f'konformità mad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, il-qrati l-oħra nazzjonali aditi bi problema simili.

---

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*It-test sħiħ tas-sentenza jinsab fuq is-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza*

*Kuntatt għall-istampa: Holly Gallagher ☎ (+352) 4303 3355*

*Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "Europe by Satellite" ☎ (+32) 2 2964106*

[4] Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 45, p. 14).